MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 13/2001/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Nazzareno Zammit**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art tas-26 t'April, 2001 li jghid:

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 28 ta' Marzu, 2001 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-Utile Dominju Perpetwu tal-bicca art fiz-Zurrieq tal-kejl ta' madwar 100 metru kwadru u tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta ta' Catherine Zammit, min-Nofsinhar ma' proprjeta ta' Alessio Mangion u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Mario Mangion huwa ta' mija u erbatax-

il Lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm114.95) kif jidher mir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&C.E. tat-8 ta' Frar, 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tad-19 t'April, 2001 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitlobu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' seba' t'elef lira Maltija (Lm7,000).

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u liberu l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pave u l-Perit AIC Frederick H. Valentino wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

L-esponenti ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Qordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u partikolarment l-Artikolu 27, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi il-proprjeta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' agrikola billi kienet interkjuza u li il-valur tal-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont **ta' tlitt mija u hamsin lira maltin u**

**tmenin centezmu (Lm355), illi minnhom mitejn wiehed u hamsin lira maltin u tmenin centezmu (Lm251.80) huma ghall-Utile Dominju Temporanju, waqt illi mija u tlett liri maltin (Lm103.20) huma ghad-Dirett Dominju Temporanju u sussegwenti proprjeta' assoluta.**

Illi l-ammont ta' Lm355.00 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 826.93 ;

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-art fl-ammont ta' Lm114.95 kwantu ghall-Utile Dominju u Lm48.05 ghad-Dirett Dominju fil-waqt illi l-perit arkitett tal-intimati iddikjara illi l-valur rejali tal-art huwa ta' Lm7000.00;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li jitrasferixxu b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-Utile Dominju Perpetwu tal-bicca art fiz-Zurrieq tal-kejl ta' madwar 100 metru kwadru u tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta ta' Catherine Zammit, min-Nofsinhar ma' proprjeta ta' Alessio Mangion u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Mario Mangion, bil-kumpens ta' Euro 586.54 kwantu ghall-Utile Dominju u Euro 240.39 ghad-Dirett Dominju. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-26 ta' Frar, 2008 fis-1.30pm fl-ufficju tar-rikorrenti u jahtar lill-avukat Dr. Marco Ciliberti biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------